MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2010

Numru. 87/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**George Cutajar bin Joseph u Natalina nee' Grech, imwieled
fis-7 ta' April 1976 u residenti Flat 1, Humanite, Triq ta' cenc, Sannat Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 9697 (G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi George Cutajar akkuzat talli f'Novembu 2007 u anki fis-snin ta' qabel f'Ghawdex:

1) Bhala persuna illi ftiehem li jbiegh li biegh jew xort'ohra nehha l-vettura bil-mutur tieghu bin-numru tar-

registrazzjoni DAT 306 naqas li fi zmien sebat ijiem jaghti avviz bil-miktub dwar dan lill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta (Reg 29(1) A.L. 476/04);
2) Talli meta biegh jew xort'ohra ttrasferixxa lil Carmel Galea minn Kercem, Ghawdex il-vettura DAT 306 naqas li jimla kif suppost u jghaddi lil ADT il-formola dwar it-trasferiment tal-vetturi li jinsab mac-certifikat tar-registrazzjoni tal-vettura (Reg 29 (2) A.L. 476/04);
3) U talli fl-istess perjodu ta' zmien bhala l-persuna illi f'ismu ghandu registrata l-karozza DAT 306 naqas li jinforma minnufih lill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta u jikkonsenja lill-istess awtorita' c-certifikat ta' registrazzjoni tal-vettura meta din giet meqruda, zarmata, saritilha hsara li ma tissewwiex intilfet jew tnehhiet b'mod permanenti minn Malta (Reg 11 A.L. 476/04);

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat bi tliet akkuzi li jaqghu taht id-disposizzjonijiet tal-Avviz Legali 476 ta'l-2004 u cioe' ir-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar dwar il-Vetturi bil-Mutur liema regolamenti dahhlu fis-sehh fl-1 ta' Mejju 2004 u dana kif dispost fir-Regolament 1(2) tal-istess Avviz Legali.

L-imputat jinsab akkuzat taht dawn ir-regolamenti li naqas milli jaghti avviz fi zmien sebat ijiem bil-miktub lill-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta dwar il-bejgh tal-vettura tal-ghamla Diahatsu li kienet proprjeta' tieghu lil Carmel Galea minn Kercem u li naqas li jghaddi lill-istess Awtorita' l-formola dwar it-trasferiment tal-vetturi li tinsab mac-certifikat tar-registrazzjoni tal-vettura u finalment illi naqas milli jinforma minnufih lill-Awtorita' in kwistjoni u jikkonsenja ic-certifikat tal-vettura meta dina giet meqruda jew zarmata.

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi l-imputat biegh il-vettura tieghu tal-ghamla Diahatsu bin-numru ta' registrazzjoni

DAT 306 lil Carmel Galea li kien autodealer madwar ghaxar snin ilu u ghadda il-karti kollha lill-istess Galea sabiex isir it-trasferiment. Xi sentejn wara huwa ircieva avviz mill-ADT illi naqas li jgedded il-licenzja tal-vettura u ghalhekk minn hawn induna li l-vettura kienet ghadha fuq ismu. Irrizulta illi fil-fatt xi zmien wara illi Cutajar kien bieghlu l-vettura u ghalhekk ukoll madwar ghaxar snin ilu dana Carmel Galea kien biegh dina l-vettura lil certu Noel Sultana mix-Xaghra bhala scrap. Fil-fatt dana Noel Sultana jghid illi il-vettura zarmaha u biegh il-parts taghha. Dana kollu sar ad insaputa tal-imputat li kien minghalih illi Galea ha hsieb jaghmel it-transfer necessarju, haga li baqghet ma saritx.

Minn dina l-esposizzjoni tal-fatti jirrizulta ghalhekk illi l-bejgh sar mhux fid-data indikata fl-akkuza izda snin qabel u cioe' ghall-habta tas-sena 2000 jekk mhux qabel. Allura meta sar l-bejgh tal-vettura kemm mill-imputat lil Galea kif ukoll sussegewentement minn Galea lil Sultana, l-Avviz Legali in kwistjoni li tahtu l-imputat jinsab akkuzat kien ghadu ma jezistix! Kwindi l-imputat qatt ma seta' jigi akkuzat illi naqas milli josserva regolamenti li fiz-zmien li sehh ir-reat kienu ghadhom ma jezistux. Semmai huwa messu gie akkuzat taht id-disposizzjonijiet tal-ligi li kienu vigenti f'dak iz-zmien.

Ghaldaqstant l-imputat qatt ma jista' jinstab hati bi ksur tar-regolamenti li jinsabu fl-Avviz Legali 476 tal-2004 u l-Qorti ghalhekk qed tilliberah mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------